**2 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A. LL.D.**

Leslie Causon *noe*

*versus*

Dr. Tonio Farrugia *et noe*

## Smigħ Xieraq - Nuqqas ta' Parti li Tidher għas-Smigħ

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat sentenza ta' l-ewwel Qorti fuq responsabilita'. Insenjament utli dwar l-atteġġjament u l-interess li partijiet fil-kawża għandhom jieħdu.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza appellata li tgħid hekk:.

"Rat it-talba għall-kundanna tal-konvenuti biex iħallsu s-

somma ta' Lm186 rappreżentanti nuqqasijiet minn konsenja ta' 4 kaxex Volvo Autoparts li kienu fuq Trailer 125 u li waslu Malta fis-17 ta' Jannar, 1993 abbord il-vapur M/S Leopardi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti u bl-imgħaxijiet mid-data tal-preżentata ta' l-avviż, liema konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' ċessjoni tas-sorte fil-konfront tal-konvenut Godwin Abela *nomine*;

Rat il-kapitoli ta' l-attur *nomine* u l-atti l-oħrajn tal-kawża;

Billi l-konvenut Dr. Tonio Farrugia *nomine* ma deherx fl-udjenza tal-lum u lanqas f'dik tat-30 ta' Settembru, 1994;

Tqis l-imsemmi kapitoli bħala mistqarra mill-konvenut Dr. Tonio Farrugia *nomine*;

U filwaqt li tillibera lill-konvenut Godwin Abela *nomine* mill-osservanza tal-ġudizzju, tilqa' t-talba billi tikkundanna lill-konvenut Dr. Tonio Farrugia *nomine* jħallas lill-attur *nomine* s-somma mitluba ta' Lm186. Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-istess Dr. Tonio Farrugia *nomine*";

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Dottor Tonio Farrugia *nomine*;

Hu utli li l-indaġini tal-Qorti tiġi llimitata fl-ewwel lok għall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel żewġ aggravji in kwantu jekk dawn jirriżultaw ġustifikati, tkun inutili l-konsiderazzjoni ta' l-aggravji l-oħra billi l-atti kollha jiġu infiċjali. Dawn l-aggravji huma hekk

espressi fil-petizzjoni;

"Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kellha qatt tibqa' għaddejja bil-kawża u tisma' l-provi meta wieħed mill-konvenuti ma kienx innotifikat bl-avviż u għalhekk il-proċeduri kollha li saru inkluż is-sentenza huma nulli;

Il-Qorti lanqas ma ddeċidiet l-eċċezzjoni preliminari ta' l-esponenti li kienet tirrigwarda l-illeġittimita` tal-persuna ta' l-esponenti u li kellha għalhekk f'kull każ tiġi deċiża u b'kap separata (artikolu 730 Kap. 12) in-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tiddeċidi din l-eċċezzjoni, għandu jwassal ukoll għan-nullita` tas-sentenza appellata";

Hu fatt li l-konvenut Godwin Abela, għan-nom u in rappresentanza tal-Cargo Handling Company Limited - ukoll appellata - ma ġie qatt innotifikat bl-avviż. Sadanittant instemgħu l-provi kollha sal-mument meta sar il-kapitolu ta' l-attur *nomine* għas-subizzjoni tal-konvenut l-ieħor Dottor Tonio Farrugia *nomine* li wassal għas-sentenza appellata. B'nota tal-31 ta' Settembru, 1994 l-attur *nomine* ċeda l-atti tal-kawża fil-konfront ta' l-istess Godwin Abela *nomine*. Ċessjoni li ma tippreġudikax l-atti u t-talba fil-konfront ta' l-appellant *nomine*. Billi s-sentenza appellata ma tagħmel l-ebda stat fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Godwin Abela *nomine*, ma jidhirx li n-nuqqas ta' notifika lilu ta' l-avviż jew il-fatt li nstemgħu l-provi mhux in kontestazzjoni tiegħu jista' jimporta n-nullita` tas-sentenza kif pretiż mill-appellant *nomine* fl-ewwel aggravju. Dan l-aggravju qed jiġi għalhekk miċħud;

Hu invece validu t-tieni aggravju ta' l-appellant *nomine* li s-sentenza appellata ma ddeċidietx b'kap separat l-eċċezzjoni tal-

konvenut appellant dwar l-illeġittimita` tal-persuna. Dana kif prevvist fl-artikolu 730 tal-Kap. 12, li hekk jipprovdi:

"L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza jew ta' l-illeġittimita` tal-persuna .... għandhom jiġu deċiżi f'kapi għalihom qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu. Fin-nuqqas dan ikun jimporta n-nullita` tas-sentenza kif kostantement ritenut fil-ġurisprudenza";

Hu ċar li inavvertitament l-ewwel Qorti naqset li tosserva dawn id-dettami tal-liġi u din il-Qorti ta' l-Appell għalhekk hi obbligata li tannulla s-sentenza mogħtija (**Spiridione Muscat - George Falzon** - deċiża fil-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Novembru, 1994);

L-eċċezzjoni dwar l-illeġittimita` tal-persuna tal-konvenut Dr. Tonio Farrugia *nomine* kienet hekk avvanzata:

"Preliminarjament illi s-soċjeta` Forwarders Limited rappreżentata mill-konvenut Dr. Tonio Farrugia hija l-aġent tas-soċjeta lokali De Haan Transport (Malta) Limited u din da parti tagħha hija l-aġent lokali tas-soċjeta` estera De Haan's Expeditie B.V. u għalhekk l-attur *nomine* għandu l-ewwel nett jagħmel id-debita korrezzjoni fl-avviż f'dan is-sens u jinnotifikah mill-ġdid peress illi fih is-soċjeta` Forwarders Limited ġiet erronjament indikata bħala "aġent ta' De Haan Transport"

Mid-dokumenti esebiti fil-proċess jidher li hemm element ta' prova illi jiġġustifika din l-eċċezjoni. Dan apparti, hu fl-interess anke tad-ditta attriċi li tassigura li s-sentenza tiġi mogħtija fil-konfront tas-soċjeta` li tkun il-leġittima kontradittriċi tagħha. Altrimenti ma tkunx possibbli l-esekuzzjoni ta' l-istess sentenza;

Hu wkoll f'dan l-ispirtu illi waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-avukat difensur ta' l-appellant *nomine* ssottometta illi hu ma jkunx kontra li l-atti jiġu rrinvjati lura lill-ewwel Qorti biex il-kawża tkun tista' titkompla;

Fiċ-ċirkostanzi, is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ma tistax ma tiġix annullata;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-appellant *nomine* illi s-sentenza appellata hi nulla u bla effett fil-liġi u tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex il-kawża tkompli tiġi ttrattata u deċiża skond il-liġi;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.